MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2006

Numru 750/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neil Harrison, u**
**Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Ambrose Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Ambrose Zammit, ta' 26 sena, iben John u Ines nee' Zammit, imwieled Pieta fit-22.06.77, residenti 'Daffodils and Roses', no: 34, Triq l-Izbark tal-Francizi, Mellieha, u detentur ta' karta tal-identita numru 368677M gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Settembru 2003 u matul l-ahhar 6 xhur qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulien

fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulien b’rizoluzzjoni wahda:-

a) assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (raza tal-cannabis) f’dawn il-Gzejjer kontra id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni.

b) Biegh jew xort’ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f’xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza,

c) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-artiklu 8(a) tal-Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkotanzi li juru li ma’ kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu,

d) U talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-perimetru ta’ skola, klabb jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh.

Il-Qorti giet mitluba tissekwestra f’idejn terzi persuni b’mod generali il-flejjes u l-propjeta’ mobbli kollha li jkunu propjeta’ tieghu u li tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort’ohra jiddisponi minn xi propjeta’ mobbli jew immobbli skond l-Artikolu 22A(1) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-arikolu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat il-FIAT tal-Avukat Generali datat 6 ta’ Settembru, 2003 ai termini tas-Sub-Artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) esebit a fol. 7 tal-Process.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali datata 23 ta' Gunju, 2005 li tinsab a fol. 210 tal-Process.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005 hemm verbalizzat is-segwenti:
"L-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, u dan qabel ma d-Difiza tghaddi ghall-provi taghha, jiddikjara ghal kull buon fini, li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja."

Innutat li fl-istess Seduta tat-8 ta' Novembru, 2005 l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Neil Harrison iddikjara li rigward l-imputat japplika dak prevvist fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101, liema dikjarazzjoni mill-istess Ufficjal Prosekutur saret ukoll fil-Verbal tas-Seduta tat-13 ta' Frar, 2006.

Inoltre nnutat li fil-Verbal tas-Seduta tat-13 ta' Frar, 2006 l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Inez Zammit prodotta mid-Difiza fis-Seduta tal-20 ta' Marzu, 2006 fejn l-istess xhud qalet illi:
"Nghid illi jien nigi omm l-imputat prezenti fl-Awla u jien qeghda nigi prodotta mid-difiza biex nixhed f'din il-kawza. Jien b'kollox ghandi tlett (3) itfal fosthom l-imputat. Nghid illi l-imputat li ghadu jghix id-dar mieghi. L-imputat ghandu impjieg sod u nghid illi meta ibni kien gie arrestat rigwardanti dan il-kaz ahna fil-familja konna ghaddejjin bi trauma ghaliex zewgi kien marad u nghid illi meta zewgi kien marad ibni l-imputat kien dejjem jghin lill-missieru. Din il-marda kienet ta' malajr. Zewgi instab li kellu kancer, imbaghad kien ittiehed l-isptar u wara ftit miet. Mit-tlett (3) uliedi, l-iktar li kien migbud lejn missieru kien l-imputat. Nixtieq hawn naghmel spjegazzjoni u korrezzjoni fis-sens

illi r-ragel tieghu, llum mejjet, kien marad qabel ma l-imputat kien gie arrestat fuq dan il-kaz. It-tifel meta mar ghand missieru kien hadha bi kbira wisq u kien anke habbat rasu mal-hajt u hawn nixtieq nispjega illi t-tifel kien gie arrestat fuq dan il-kaz wara li kien miet zewgi. L-imputat ghadu jghix mieghi. Ibni ddispjacih mill-ewwel li hu kien ghamel hekk rigwardanti jigifieri r-reat addebitat lilu fil-kawza. Nghid illi qabel ma kien marad missieru l-imputat qatt lilna ma kien qalalghna problemi."

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghar-Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija presentat fil-11 ta' April, 2006 li jghid:
"Illi Ambrose Zammit kien tressaq nhar is-7 ta' Settembru 2003, b'akkuzi ta' assocjazzjoni, traffikar u pussess mhux ghall-uzu esklussiv tad-droga raza ta-Cannabis:
Illi tul il-proceduri bhala parti nill-provi tal-prosekuzzjoni giet esebita d-droga msijuba fil-pussess tal-akkuzat;
Illi inkonessjoni mal-istess investigazzjoni, il-Pulizija kienet akkuzat separatament zewg persuni ohra, li l-kawza taghhom ghada *sub-judice* u qed tinstema quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, pero diversament preseduta;
Illi l-kawza kontra Ambrose Zammit tinsab differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju 2006;
Illi ghaldaqstant il-prosekuzzjoni qeghda umilment tiotlob sabiex il-Qorti ma' tordnax il-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga inkwistjoni fis-sentenza taghha stante il-kaz l-iehor diga citat ghadu pendenti;"

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mis-Supretendent Neil Harrison ghall-Prosekuzzjoni u minn Dr Edward Gatt ghall-imputat.

Innutat li fis-Seduta tallum qabel ma din il-Qorti ghaddiet biex taghti s-Sentenza, l-Ufficjal Prosekutur is-Supretendent Neil Harrison talab lill-Qorti li jigi awtorizzat jippresenta b'Nota, seduta stante, kopja tal-Fedina Penali aggornata ta' l-imputat.

Innutat li Dr Edward Gatt ghall-imputat ma opponiex din it-talba.

Din it-talba gie milqugha u gie esebita l-imsemmija Fedina Penali aggornata.

Innutat ukoll li l-Prosekuzzjoni u id-Difiza iddikjaraw li ma hemmx htiega li issir trattazzjoni dwar il-piena ulterjuri, joqghodu fuq dak li trattaw fis-Seduta tal-20 ta’ Marzu, 2006 u talbu biex il-Qorti tghaddi ghas-Sentenza.

Rat l-artikoli 22(1)(f), 8(a) u 8(b), 22(2)(b)(i) , l-ahhar Proviso tal-Art. 22(2) u 29 tal-Kap. 101 u l-Artikoli 18 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Ambrose Zammit, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u wara li hasbet fit-tul meta giet biex tistabbilixxi l-piena u qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi minn naha l-wahda il-gravita’ tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat Ambrose Zammit, il-kwantita’ pjuttost sostanzjali tad-droga involuta f’dan il-kaz, il-fatt li l-imputat kien ilu jbiegh ir-raza xi 4 xhur u dan jirrizulta minn dak li l-imputat qal hu stess fl-Istqarrija tieghu datata 6 ta’ Settembru, 2003, liema Stqarrija markata bhala Dok N1 tinsab inserita fil-Proces Verbal esebit bhala Dok RB1 u id-dritt tal-Qorti li thares lis-socjeta’ mill-pjaga tad-droga li qeghda teqred tant bnedmin, oltre li, inter alia, tiddistruggi familji shah u ghalhekk hawn jidhol l-element ta’ deterrent li bih il-Qorti trid tibghat messagg car li hi, filwaqt li dejjem ghandha tkun gusta, trid ukoll taghti piena li tirrifletti sew il-gravita’ tar-reati bhal dawn fil-kaz de quo u b’hekk dan iservi ta’ deterrent effettiv, u mill-banda l-ohra il-Qorti qieset l-eta’ tal-imputat, il-fedina penali aggornata tal-imputat, il-fatt li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, qieset ukoll dak li xehdet omm l-imputat Inez Zammit fis-Seduta tal-20 ta’ Marzu, 2006, liema traskrizzjoni tad-deposizzjoni giet riportata aktar qabel f’din is-Sentenza, kif ukoll l-applikazzjoni f’dan il-kaz ta’ dak prevvist fl-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imsemmi imputat Ambrose Zammit ghall-piena komplessiva ta’ sitt (6) snin u tmin (8) xhur prigunerija u tlett elef u tmin mitt Liri Maltin (Lm3800) multa.

Inoltre il-Qorti tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-imputat Ambrose Zammit.

Barra minn hekk il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Ambrose Zammit ihallas minnufih lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' disa' mija u hames Liri Maltin u disa' u disghin centezmi (Lm905.99c) rappresentanti l-ispejjez tal-esperti nominati fl-inkjesta u fil-kumpilazzjoni ta' din il-kawza.

Inoltre, rigward ir-Rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija presentat fil-11 ta' April, 2006 u riferit aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti filwaqt li tordna il-konfiska tad-droga esebita f'din il-kawza ma tordnax id-distruzzjoni tal-istess droga.

Finalment il-Qorti tordna il-konfiska ta' Dok. JP1 (mobile phone Nokia) u ta' Dok. JP3 (envelope abjad kontenenti Lm895 ilkoll go envelope kannella).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------